**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 437/2021**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Aaron Steven Stewart Edward Ritchie**

Illum, 26 ta' Novembru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellat, Aaron Steven Stewart Edward Ritchie, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 77000L, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja talli nhar it-tmienja ta' Ġunju 2021, għall-ħabta ta' nofsinhar u/jew f'ħinijiet oħra qabel jew wara, minn fond numru 9, Orange Blossom, Triq Mons. Pietru Pawl Pullicino, Zurrieq u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommeta serq ta' ġojjellerija, u/jew oġġetti oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn, tlett mija u disa' w għoxrin ewro u sebgħa' w tletin ċentezmu (€2329.37) u bil-lok, li sar għad-dannu ta' Katrina Bonnici u/jew ta' xi persuna/i oħra;
2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. Y. Micallef Strafrace LL.D fid-digriet tagħha tat-22 ta' Ottubru 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Maġistrat Dr. R. Montebello LL.D fid-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Magistrat Dr. A. Demicoli, LL.D fid-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru 2020 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;
5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkustanzi, naqas milli jħares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit, LL.D fid-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2019 li bih tat il-ħelsien mill-arrest;

*In oltre*, il-Qorti kienet mitluba sabiex tirrevoka s-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija, liema somma totali għandha tigi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta, kif ukoll sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imsemmi Aaron Steven Stewart Edward u tordna l-arrest mill-ġdid tal-imsemmi imputat fejn b'diversi digrieti hawn fuq imsemmija, kien ingħata l-ħelsien mill-arrest.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll li f'kaz ta' ħtija tqis lill-imputat bħala reċediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana wara li hu kien misjub ħati ta' diversi sentenzi mogħtija lilu mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Il-Qorti kienet mitluba ukoll sabiex f'kaz ta' ħtija tordna lill-imputat sabiex iħallas lir-reġistratur l-ispejjeż kollha jew parti minnhom li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti jew periti fil-proċeduri, inlużi dawk tal-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-proċess verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħal ma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni ai termini tal-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ukoll, il-Qorti kienet mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' ħtija, b'żieda ma' kull piena li l-ħati jista' jingħata b'sentenza, tordna lill-ħati sabiex jirrestitwixxi lill-parti offiża kull ħaġa minnu misruqa jew li hu jkun xjentement laqa' għandu b'riċettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qliegħ ieħor kontra l-liġi bi ħsara ta' dik il-parti, bi jew permezz tar-reat, jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara ohra, ħsara morali u, jew psikoloġika, kaġunati lil dik il-parti, bi jew permezz tar-reat, u kull ordni bħal dak jista' jinkludi sew direttiva li ssir restituzzjoni u, fin-nuqqas, li jsir ħlas kif imsemmi qabel.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-10 ta' Lulju 2021, fejn il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 289, 579(2), 533(1) u 261(b)(c)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati bħala reċediv,

fuq ammissjoni tiegħu stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tiegħu u kkundannatu komplessivament għall-piena ta' tlett (3) snin prigunerija. *In oltre*, il-Qorti ordnat biss ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest tal-imputat li huwa kien ingħata permezz tad-digriet tal-Qorti preseduta, mill-Maġistrat Dr. Y. Micallef Stafrace LL.D fid-digriet tagħha tat-22 ta' Ottubru 2019, dak li kien ingħata permezz tad-digriet tal-Qorti mill-Maġistrat Dr. R. Montebello LL.D fid-digriet tagħha tad-19 ta' Novembru 2019, dak li kien ingħata permezz tad-digriet tal-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. A. Demicoli LL.D fid-digriet tagħha tad-9 ta' Ottubru 2020, kif ukoll ta' dak li kien ingħata permezz tad-digriet tal-Qorti preseduta mill-Maġistrat Dr. C. Stafrace Zammit LL.D, fid-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2019.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Ġenerali, ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2021, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata bil-mod segwenti u ċioe li tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet ħtija fir-rigward tal-ewwel, tat-tieni, tat-tielet, tar-raba' u tal-ħames imputazzjonijiet u tħassarha f'dik il-parti fejn ma irrevokatx is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tal-garanzija liema somma totali għandha tiġi mgħoddija favur il-Gvern ta' Malta.

Rat l-aggravji imqajma mill-Avukat Ġenerali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi fl-uniku aggravju minnu ntentat, l-Avukat Ġenerali jilmenta li l-Ewwel Qorti errat meta ma applikatx id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali fejn kellha b'mod tassattiv tordna li d-depożitu u l-garanzija mogħtija mill-appellat meta ġie lilu konċess il-ħelsien mill-arrest kellhom jgħaddu, fl-intier tagħhom jew parti

minnhom, favur il-Gvern ta' Malta u dan wara li l-Ewwel Qorti għaddiet biex tirrevoka id-digrieti tal-ħelsien mill-arrest.

Illi, minn ezami akkurat tas-sentenza impunjata, jirriżulta illi dak li wassal lill-Ewwel Qorti sabiex ma tapplikax dak dispost fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali kien is-segwenti linja ta' ħsieb:

> **Illi għal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet numru (2), (3), (4) u (5), ilkoll imsejsa fuq l-Artikolu 579(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti sejra timponi l-piena kkontemplata għar-reat de quo. U dana peress li l-Qorti temmen li, f'kaz li l-Qorti tmur oltre mill-piena determinata għar-reat/i de quo u tordna li s-somom – depozitu u garanzija – għandhom jgħaddu favur il-Gvern ta' Malta (bil-potenzjalita' li n-nuqqas ta' ħlas jissarraf fi priġunerija), dan ix-xenarju potenzjalment jagħti lok għal ksur tad-drittijiet kostituzzjonali tal-imputat, din il-Qorti tagħmilha ċara li mhux sejra tagħmel din l-ordni kif mitluba. Il-piena għal dan ir-reat/i sejra tkun inkorporata fil-piena li ser tiġi imposta fl-aħħar ta' din is-sentenza.**

Illi wara l-emendi leġislattivi li saru għall-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali, liema emendi daħħlu fis-seħħ nhar l-4 ta' Ġunju 2021, permezz ta' l-Att XXIX tas-sena 2021, dan l-istess artikolu issa jaqra hekk kif isegwi –

> **(1) Jekk l-imputat jew akkużat jonqos li jidher għall-ordni tal-awtorità msemmiia fl-obbligazzjoni tal-garanzija, jew jonqos li josserva xi kondizzjoni imposta mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest, jew jinħeba jew jitlaq minn Malta, jew waqt li jkun meħlus mill-arrest jikkommetti delittli ma jkunx wieħed ta' natura involontarja, jew jinterferixxi jewjipprova jinterferixxi max-xhieda jew b'mod ieħor jintralċja jewjipprova jintralċja il-kors tal-ġustizzja fir-rigward tiegħu jew ta' xi persuna oħra, is-somma msemmija fl-obbligazzjoni tgħaddi favur il-Gvern ta' Malta, u, barra minn dan, jiġi maħruġ mandat ta' arrest kontra tiegħu:**
>
> **Iżda l-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intiertagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta'konsegwenza serja**
>
> **(2) Kull persuna li tonqos milli tħares xi waħda mill-kondizzjonijiet imposti mill-qorti fid-digriet tagħha li bih tagħti l-ħelsien mill-arrest taħt garanzija tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erba' xhur sa' sentejn, jew għal multa u priġunerija flimkien u l-Qorti <u>għandha</u> tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew**

**f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat.**

**(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' xi liġi, kull persuna akkużata b'reat kif imsemmi fis-subartikolu (2) għandha tiġi mressqa l-Qorti taħt arrest, u l-Pulizija tkun tista', fl-istess proċedimenti, titlob ir-revoka tal-ħelsien mill-arrest u l-arrest mill-ġdid ta' dik il-persuna. Il-proċedimenti għal reat taħt is-subartikolu (2) għandhom jittieħdu mill-Pulizija u jiġu deċiżi mill-Qorti bl-urġenza.**

Illi, permezz ta' dawn l-emendi, il-Qorti issa għandha allura diskrezzjoni meta tiġi biex tiddeċiedi jekk tgħaddiex għal konfiska tad-depożitu u/jew il-garanzija imposti għall-finijiet tal-għoti tal-ħelsien mill-arrest.

Illi, hekk kif ritenut korrettement fis-sentenza mogħtija fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Christian Zarb"[1] –

***Mill-emendi introdotti jirriżulta b'mod ċar li l-leġislatur għamel distinzjoni fid-diskrezzjoni tal-Qorti taħt l-ewwel u taħt it-tieni subartikoli ta' l-Artikolu 579 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

***Fis-subartikolu (1) ta' l-imsemmi artikolu tal-Liġi, liema provvediment huwa normalment invokat permezz ta' Rikors fil-kors tal-proċeduri li fihom l-imputat ikun ingħata l-ħelsien mill-arrest, il-Qorti tista' tiddeċiedi li ma tapplikax id-dispożizzjonijiet ta' dan is-subartikolu jew li ma tapplikahomx fl-intier tagħhom meta l-qorti tkun tal-fehma illi l-ksur tal-kondizzjoni imposta fid-digriet li bih jingħata l-ħelsien mill-arrest ma hiex ta' konsegwenza serja. Fil-kuntest ta' dan il-provvediment partikolari tal-Liġi, il-Qorti għalhekk tista' tagħmel waħda minn tlett affarijiet: (i) tikkonfiska d-depożitu u/jew il-garanzija fl-intier tagħhom; jew (ii) tikkonfiska parti mid-depożitu u/jew il-garanzija; jew (iii) ma tapplikax il-konfiska.***

***Meta persuna tkun tressqet taħt arrest akkużata bi jew fost affarijiet oħra bil-ksur tal-kondizzjonijiet tal-ħelsien mill-arrest, il-provvediment applikabbli huwa dak dispost fis-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 579 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, minn liema imbagħad jirriżulta li l-Qorti għandha tordna li l-ammont stabilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija għandu jiġi konfiskat fl-intier tiegħu jew f'parti minnu favur il-Gvern ta' Malta skond kif il-Qorti tqis il-gravità tar-reat. Minn dan il-provvediment u bl-użu da parte tal-leġislatur kelma "għandha" jirriżulta li f'tali ċirkostanza l-konfiska tad-depożitu u/jew il-garanzija imposta għall-finijiet tal-ħelsien mill-arrest baqgħet tassattiva u d-diskrezzjoni tal-Qorti hija limitata biss għal jekk tordnax konfiska sħiħa jew inkella parzjali ta' l-ammont tad-depozitu u/jew il-garanzija, u dana***

[1] Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, deċiza nhar 6 ta' Settembru 2021.

***skond il-gravità tar-reat, ossia l-gravità tal-ksur li a bażi tiegħu l-imputat ikun instab ħati tar-reat in eżami.***

***Fejn tidħol ir-revoka tad-Digriet tal-ħelsien mill-arrest u r-riarrest mill-ġdid ta' l-imputat, dan naturalment jallaċċja mal-gravità tal-ksur tal-kondizzjoni kif ukoll mal-fatt jekk tiġix ordnata o meno l-konfiska intiera jew parzjali tal-garanzija u, fil-fehma tal-Qorti, għad illi forsi tkun konfiska parzjali, jallaċja wkoll mal-portata ta' dik il-konfiska fid-dawl taċ-ċirkostanzi li jkunu jirrigwardaw dak id-depożitu u/jew garanzija: ossia l-ammont ta' kemm mid-depożitu u/jew garanzija ikun ġie ikkonfiskat u jekk il-garanzija mogħtija kenitx waħda personali jew permezz ta' terz idoneju.***

Illi l-appellat tressaq il-Qorti mixli li kkometta diversi reati u fosthom ir-reat maħsub fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali u dan meta fl-imputazzjonijiet bin-numri 2 sa 5 huwa ġie akkużat li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu f'erba' digrieti tal-ħelsien mill-arrest mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati f'erba' kawzi differenti. Illi għal dan ix-xenarju allura għandu japplika dak dispost fl-artikolu 579(2) hawn fuq iċċitat fejn il-Qorti minbarra l-impożizzjoni tal-piena hemmhekk stabbilita għandha tgħaddi għal-konfiska tal-hekk imsejjaħ *bail bond, in toto* jew *in parte*. Issa għalkemm l-Avukat Ġenerali għandu raġun fl-ilment tiegħu, u dan għaliex ġaldarba misjub ħati u kkundannat il-piena għar-reat, kellha issir konfiska ta' parti tal-ammont jew l-ammont sħih stabbilit bħala garanzija għall-għoti tal-ħelsien mill-arrest, madanakollu il-Prosekuzzjoni naqqset milli teżebixxi fl-atti d-digrieti li għalihom jirreferu l-aħħar erba' imputazzjonijiet sabiex b'hekk il-Qorti hija sajma mill-prova dwar, mhux biss x'kienu dawk il-kundizzjonijiet fid-digrieti indikati li tagħhom l-appellat ġie misjub ħati ta' ksur, iżda hija sajma fuq kollox dwar il-*quantum* ta' l-ammont stabbilit bħala garanzija f'dawn l-erba' digrieti. Dan ifisser illi l-Qorti issa tinsab tgħum fil-fond meta tiġi biex teżerċita id-diskrezzjoni tagħha dwar kemm mill-ammont għandu jiġi ikkonfiskat jew jekk għandux jiġi ikkonfiskat l-ammont kollu, għaliex huwa diffiċli li jiġi stabbilit x'inhi l-gravita' tar-reat.

Illi għalkemm l-appellat irreġistra ammissjoni għar-reati kollha lilu addebitati, dan ma jfissirx illi l-Prosekuzzjoni b'daqshekk għandha tqis il-każ tagħha bħala ippruvat u magħluq u dan għaliex il-Qorti xortawaħda hija fid-dmir tqis jekk din l-ammissjoni

tistax u għandiex twassal għal kundanna[2]. Dan magħdud, allura, ġaldarba il-Prosekuzzjoni naqqset milli tressaq il-prova reġina dwar l-aħħar erba' impuatzzjonijiet, il-Qorti tinsab fl-impossibilita' li tapplika, fid-diskrezzjoni tagħha, dak stabbilit fl-artikolu 579(2) tal-Kodiċi Kriminali stante illi ma hux possibbli jsir l-eżerċizzju hemmhekk infraskritt. Illi dan qed jingħad ukoll għaliex jekk il-Qorti tgħaddi biex tikkonfiska l-ammonti kollha stabbilit fl-erba' digrieti indikati fl-aħħar erba' imputazzjonijiet mingħajr ma hija f'posizzjoni tqis dak maħsub fil-liġi, kif hawn fuq ingħad, ċertament illi l-appellat ser isofri preġudizzju irrimedjabbli u ma jkunx ingħata smigħ xieraq u skont il-liġi.

Għal dawn il-motivi, l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

**Edwina Grima**

**Imħallef**

[2] Artikolu 392A(3) Kodiċi Kriminali